Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 – 21237031
infosheet@akmalta.org
www.akmalta.org

**APRIL 2009** **NUMRU 242**




Il-Presidenza Ġenerali

Il-Membri tad-Direttorju u d-Diriġenti Ċentrali

Jixtiequ jagħtu

l-GĦID IT-TAJJEB

lid-Diriġenti Parrokkjali, Assistenti Ekkleżjastiċi,

lill-Membri kollha

ta' l-Azzjoni Kattolika Maltija u l-Familjari, Benefatturi

lill-Familja Kbira tal-Morda u dawk b'Diżabilità,

lill-Anzjani b'mod speċjali dawk tad-Dar Familja Mqaddsa,

Naxxar.

## MADWARNA

**Irtir**. In-numru tan-nies li xtaqu jattendu l-irtir li organizzajna x-xahar li għadda baqa' jżid sa l-aħħar. Kien irtir sabieħ. Għalina kienet opportunità nsiru nafu ftit aktar lil Monsinjur Pawl Vella, l-Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali. Kien hemm numru ta' nies li qatt ma kienu attendew irtir f'ħajjithom. Is-Sinjur u s-Sinjura Sultana, l-koppja President ta' l-adulti ħeġġew lill-parteċipanti biex min jixtieq iqatta' ftit ħin ta' adorazzjoni bil-lejl. Matul il-lejl kollu kien hemm dejjem xi ħadd fil-Kappella. Patri Amadeo li jieħu ħsieb il-Kunvent tal-Lunzjata fejn sar l-Irtir u Sister Helen li ħadet ħsieb titmagħna, laqawna ħafna.

**Irtir Ż.A.K** L-Irtir li organizzaw iż-Ż.A.K kien isbaħ minn tagħna. Ġie organizzat flimkien mill-*Ispirituality Team* u Fr Michael Bellizzi u spiċċawh fuq il-Ġżejjer ta' San Pawl.

**Pellegrinaġġ Pawlin mit-Taljani**. Eżatt kif ħriġna aħna mill-Lunzjata daħlu grupp ta' Taljani minn Reggio Calabria. Dan il-grupp ta' żgħażagħ u adulti ta' l-Azzjoni Kattolika ġew jagħmlu Pellegrinaġġ Pawlin. Tlabnihom jitolbu biex il-Maltin ikomplu jgħożżu l-fidi li ġabilna San Pawl u biex bħal San Pawl ixxerduha kull fejn imorru.

**Iż-Żagħżagħ Maltin imexxu proġett għall-Azzjoni Kattolika Internazzjonali**. Miss Marvic Debono, il-Leader taż-Ż.A.K telgħet Ruma għal laqgħa internazzjonali taż-żgħażagħ ta' l-Azzjoni Kattolika. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna żgħażagħ minn Spanja, l-Awstrija, l-Italja, Myanmar, Argentina, Polonja, Rumanija, Venezuela u Messiku. Marvic qegħda tmexxi proġett li jismu 'Pane, Pace, Liberta' e Vita'. Marvic applikat għall-fondi mill-Unjoni Ewropea biex tiffinanzja dan il-proġett, li se jieħdu sehem fih il-Polonja, l-Awstria, l-Italja u Spanja.

**Resident tad-Dar Familja Imqaddsa jagħlaq 100 sena**. Is-Sur Harry Miller, resident fid-Dar Familja Imqaddsa għalaq mitt sena nhar it-Tlieta 23 ta' Marzu. Biex jiċċelebraw din l-okkażjoni speċjali ġiet organizzata Quddiesa ta' ringrazzjament u festin. Il-President tar-Repubblika, s-Sinjura Gonzi, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, is-Segretarju Parlamentari għas-Saħħa lkoll attendew għal din l-okkażjoni. L-Arċisqof ġie jżuru aktar tard matul il-ġimgħa.

**Il-Kummissjoni Morda** se torganizza Quddiesa u nofs ta' nhar ta' divertiment għaż-żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali f'Ħadd il-Palm meta l-Knisja tiċċelebra Jum iż-Żgħażagħ. Numru sabieħ ħafna ta' żgħażagħ minn Malta kollha jattendu għal din l-attivita'.

**Il-Festa ta' Santa Katerina ta' Siena**. Nhar it-Tlieta 28 ta' April in-Nisa se jiċċelebraw Jum il-Patruna tagħhom, Santa Katerina. Id-diffikultà li jkollhom kull sena hi biex isibu post kbir biżżejjed li jesagħhom. Din is-Sena se jsir fil-Monte Kristo Estate Ħal Farruġ. Nawgurawlhom
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## ĠRANET LI FIHOM L-ISTITUT KATTOLIKU MA JIFTAĦX

| | |
|---|---|
| 03 ta' April 2009 | Duluri. Jagħlaq fis-13:00. |
| 09 ta' April 2009 | Ħamis ix-Xirka. Jagħlaq fis-13:00. |
| 10 ta' April 2009 | Ġimgħa l-Kbira. Ma jiftaħ xejn. |
| 13 ta' April 2009 | *Easter Monday*. Ma jiftaħ xejn. |

## Adorazzjoni Għal Vokazzjonijiet

Fis-Seminarju tal-Virtu' Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesù Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-17:30. u s-18:30. L-iskop huwa li nitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesù Sagramentat.

Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851.

Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.

## Attivitajiet għax-Xahar ta' APRIL 2009

| | | |
|---|---|---|
| 2 ta' April | Fergħa Nisa<br>Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fid-9:30.<br>Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| 4 u 5 ta' April | Ż.A.K. B'Buġia | Dramm tal-Passjoni minn ŻAK B'Bugia, 'Għaliex Ittradejtuh' Post - Sala Skola Primarja B'Buġia - Ħin fis-19:30. Prezz €4 – Booking Ms Petrina Vella 79270902 - Jew Rainbow Stationery, B'Buġia |
| 5 ta' April | Kummissjoni Ħidma Morda | Attivita' ta' Ħadd il-Palm fid-9:00. fis-Sala tas-*Sacred Heart*, San Ġiljan. Tibda' b'Quddiesa, tkompli b'riċeviment u b'divertiment. |
| 8 ta' April | Moviment Għalliema | Kors La Saljana fil-17:30. |
| 15 ta' April | Moviment Għalliema | Kunsill fil-17:30. |
| 16 ta' April | Fergħa Xebbiet<br>Frieghi kollha | Laqgħa ta' Formazzjoni fis-18:00. Kelliem : Dun Karm Attard<br>Skola ta' l-Appostolat f'Sala Mons Dandria, Istitut Kattoliku, Floriana, fid-9:30. |
| 19 ta' April | Fergħa Ż.A.K. | 3 Membri taż-Ż.A.K. jipparteċipaw *f'car boot sale* biex jiġbru fondi għall-karita'. Din se ssir ir-Razzett tal-Ħbiberija, Wied il-Għajn mit-8:00. sas-14:00. |
| 20 ta' April | Fergħa Rġiel | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30. |
| 24 ta' April | Direttorju | Laqgħa fis-18:00. Istitut Kattoliku, Floriana |
| 28 ta' April | Fergħa Nisa | Festa ta' Sta Katerina - Ċirkoli kollha<br>Monte Cristo Estate – Ħal Farruġ l/o Luqa |
| 7 ta' Mejju | Fergħa Nisa<br>Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fid-9:00.<br>Kunsill Ċentrali fis-18:00. |

.

<u>Fergħa Xebbiet Adulti</u>

Inħeġġu lill-membri kollha biex jieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, filwaqt li nixtiequ lil kulħadd l-Għid it-Tajjeb.

--------------------

<u>Grupp Koppji Miżżewġin</u>

Filwaqt li nixtiequ l-Għid it-Tajjeb lil President Ġenerali Ms Joyce Pullicino, lil Assistent Ekkleżjastiku Mons Paul Vella, u lill-Membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika, niftakru li din hija l-Ikbar Festa li għandna aħna l-Insara Kattoliċi. . . 'Il-Ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit . . .'
Kristu Rxoxta u aħna nirxuxtaw miegħu; mela ejjew nilbsu libsa Ġdida u nneħħu l-biża' u l-qtieħ il-Qalb, filwaqt li nitolbu 'l Ispirtu s-Santu idawwlilna moħħna u jħeġġilna qalbna biex inkomplu naħdmu bl-ikbar kuraġġ fl-għalqa tal-Mulej.

Tony & M'Anne Sultana

SKOLA TA' L-APPOSTOLAT
Il-Ħamis 16 ta' April 2009, fid-9:30
F'Sala Mons. Dandria, Istitut Kattoliku,

Floriana

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il- Programm 'Solidarjetà li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' April se jixxandar f'dawn id-dati :- 5,12,19 u 26 fis-19:15. u MHUX fit-20:30.

Ħadd il-Palm Il-Kummissjoni tagħna se torganizza l-Laqgħa Annwali għaż-żgħażagħ b'diżabilità fis-Sala tas-*Sacred Heart*, San Ġiljan. Tibda' b'quddiesa, tkompli b'riċeviment u b'divertiment.

# SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Ġimgħa ta' Saġrifiċċju 2009
3 – 10 ta' April
**'Qrib u Attenti Għan-Nies fil-Bżonn'**

Bl-approvazzjoni ta' Mons. Arċisqof, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika qiegħed jorganizza għal darb'oħra 'Ġimgħa ta' Saġrifiċċju' bejn it-3 u l-10 ta' April (Festa tad-Duluri u l-Ġimgħa l-Kbira). Din hija it-42 sena li qed isir dan.

Ħutna fil-bżonn jistgħu jkunu qrib tagħna u ma nindunawx u nistgħu nkunu qrib ta' persuni fil-bżonn imma ma nkunux attenti għall-ħtiġijiet tagħhom. Bit-tema ta' din is-sena xtaqna nwasslu propju dan il-messaġġ.

Għax aħna nsara għażilna li nagħtu kas tal-bniedem fil-bżonn għax il-fidi u l-imġieba tagħna jridu jirriflettu fil-mod kif nimxu mal-proxxmu b'attenzjoni partikolari ma' min hu l-aktar fil-bżonn. B'dan il-messaġġ il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju qed tistieden lil kulħadd għal din l-għażla fil-ħajja.

Kull sena l-pubbliku Malti jwieġeb għall-messaġġ tal-ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU' b'impenn ġeneruż. Grazzi għal dan, ħutna fid-diffikultà jsibu l-għajnuna li tant ikunu jeħtieġu.

<u>Attivitajiet li intom għandkom tieħdu sehem sħiħ fihom</u>

a) Twasslu b'kull mod il-Messaġġ tal-Papa għar-Randan fost il-membri ta' l-A.K. u l-komunità kollha parrokkjali. Messaġġ li jibqa' is-sena kollha magħna.
b) <u>Ġabra fil-Knejjes:</u>
Dan se jsir BIL-KAXXI kif inhu miftiehem ma' l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi u l-Kunsill tal-Kappillani. Għalhekk matul il-ġranet tal-'Ġimgħa ta' Sagrifiċċju' għandhom jitpoġġew kaxxi fil-knejjes għal dan l-iskop. Huwa ferm importanti li l-Kappillan/Arċipriet jiġbed l-attenzjoni tal-Fidili dwar dawn il-kaxxi. Jekk dan ma jsirx ikun hemm tnaqqis sostanzjali mill-ġbir li kien isir qabel, b'konsegwenzi xejn sbieħ fuq il-ħidma tas-Segretarjat Assistenza Soċjali
c) <u>Frott ta' Ċaħdiet Personali.</u>
Ftit ilu rċevejtu, numru żgħir ta' appelli b'kaxxi tal-'20c ta' Ewro'. Dawn għandhom jitqassmu lill-membri li bi spirtu ta' ċaħda u saġrifiċċju jimlewhom b'kontribut personali u mingħand il-familjari u ħbieb.
d) <u>Dipartimenti tal-Gvern, Skejjel u Industriji</u>
Bil-permess ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u fil-każ ta' skejjel, bil-permess ukoll tad-Direttur Ġenerali ta' l-Edukazzjoni, se jsir ġbir għal din il-'Ġimgħa ta' Sagrifiċċju'. Kull membru ta' l-A.K. li jaħdem mal-Gvern għandu jgħin biex dan il-ġbir ikun organizzat tajjeb. L-istess għal min jaħdem mal-privat.

<u>Flus Miġbura</u>

Il-flus kollha miġbura m'għandhomx jiġu mħallta u għandhom jaslu l-Uffiċċju SAS, l-Istitut Kattoliku Floriana kemm jista' jkun kmieni.

Bla dubju huwa prinċipalment bil-flus miġbura mill-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju, li s-Segretarjat Assistenza Soċjali jista' jwettaq tant ħidma. Ċertament il-ġbir ta' fondi huma importanti iżda l-preżenza tagħna kull fejn hemm it-tbatija hija aktar importanti. Veru li ħafna drabi dan jitlob minna sagrifiċċju imma f'dan il-każ is-sagrifiċċju għall-imħabba lill-bniedem f'mument ta' bzonn fih valur kbir quddiem Alla.

Inħeġġukom għalhekk biex flimkien mal-Kappillan/Arċipriet u l-frieghi kollha ta' l-Azzjoni Kattolika tagħmlu kull sforz għal din il-Ġimgħa ta' Sagrifiċċju.

| | | |
|---|---|---|
| Dennis Buttiġieg | P. Damian Cachia O.Carm. | J.Rossi |
| President | Kons. Ekkles. | Segretarju |

N.B. Infakkrukom li s-S.A.S. ġie eżentat mill-ħtieġa ta' liċenzja biex ikun jista' jsir il-ġbir.



**<u>SERVIZZ BIL-MINIBUSES</u>**

**<u>Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità</u>**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

Ħareġ għal Bejgħ
Id-Direttorju Ekkleżjastiku l-Ġdid 2009
Bil-Prezz ta' **EUR 14**

## <u>Kummissjoni Fund-Raising</u>

Ikla/Buffet
Nhar il-Ħadd 26 ta' April minn 12:30. għas-13:00.
fil-CANIFOR HOTEL, Triq in-Nakkri, Qawra

Wara waqfa fi żmien ir-Randan, issa li bdew dawn il-ġranet sbieħ tar-Rebbiegħa se nerġgħu nibdew l-attività tas-soltu b'xi ikla tajba.

Fuq talba ġenerali sejrin inżommu dan l-appuntament għal nhar il-Ħadd 26 ta' April fil-Lukanda 'CANIFOR', Qawra. Wara l-attività li diġa' għamilna f'din il-Lukanda ħafna talbuna biex nerġgħu mmorru f'dan il-post fejn sibna servizz, kwalità u kwantità ta' ikel tajjeb ħafna. Nisperaw li jkollna numru kbir bħal l-aħħar darba. Biex ma jkunx hemm diżappunti intom imħeġġa biex taħsbu kmieni għal *booking* u ma tħallux għal aħħar għax il-postijiet huma limitati.

**MENU**

**A**ntipasto
Î Î Î
Lasagna Al **F**orno
**P**asta **C**arbonara
Î Î Î
**C**hicken **S**oup



**V**egetable **S**oup
Î Î Î
Roast **P**ork with Apple Sauce (Carvery)
Î Î Î
Roast Beef with **H**orseradish **S**auce (Carvery)
Î Î Î
Roast Turkey with Cranberry Sauce (Carvery)
Î Î Î
Poached Ċerna Bon Assisi
Î Î Î

Baby Carrots
Garden Peas

Roast Potatoes
Natural Potatoes



Black Forest Gateau
Or
Vanilla Gateau
Î Î Î
Coffee
Î Î Î
One Glass of Wine or One Glass of Soft Drink

Bħas soltu l-kitba ssir fis-Segreterija tal-A.K.M. fl-Istitut Kattoliku, Floriana, sal-Ħamis 23 ta' April – Tel 21222239. IMPORTANTI wkoll li tgħidulna fuq liema mekja tixtiequ toqgħodu għal ikel. Min ikollu bżonn trasport iċempel lil Mrs Marie Bartolo – Tel 21221931. Prezz : Kbar €16 - Tfal €7

# LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA



***Nixtiequ ninfurmawkom li fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika l-Floriana qed nagħtu s-servizz ta' BINDING. Il-prezz huwa ta' EUR 1 kull 12 il-paġna. Għalhekk inħeġġu lil membri kollha biex imexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz ġdid.***



***WAQT LI KONNA QED NAGĦTU DEHRA ĠDIDA LIS-SEGRETERIJA SIBNA XI KARTI U ĦSIBNA BIEX MINFLOK JINTREMEW NAGĦMLU UŻU TAJJEB MINNHOM GĦALHEKK GĦAMILNA 'HANDMADE NOTEBOOKS' LI JISTGĦU JINTUŻAW BIEX JITTIEĦDU NOTI FUQHOM WAQT XI LAQGĦA U GĦALL MITT ELF ĦAGA OĦRA, LI QED JINBIEGĦU GĦALL-PREZZ TA' EURO.50C.***





Wieħed isib ukoll:
Kull tip ta' kotba reliġjuzi bil-Malti u bl-Ingliz – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti religjuzi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra. Issibu ukoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO". Jistaw jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.
**Hinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa – mid-9:00 sa nofsinhar,**
**Mill-16:00 sas-19:30 u s-Sibt filgħodu biss.**



Tel: 21 237031

Għalhekk ixtri ir-rigali tiegħek min din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.